31999R2603

L 316/26 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 10.12.1999

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (EEC) Nru 2603/1999

tad-9 ta' Diċembru 1999

li jistabilixxi regoli tat-transizzjoni lejn l-iskema ta'għajnuna għall-iżvilupp rurali stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999

IL-KOMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond ta' Tmexxija Agrikola u ta' Garanzija Ewropea (FAEGG) u li jemenda u jibdel xi regolamenti [1], u speċjalment l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandu japplika in konnessjoni ma' appoġġ mill-Komunità mill-1 ta' Jannar 2000. Ir-Regolamenti mħassra u d-dispożizzjonijiet mħassra b'dak ir-Regolament għandhom ikomplu japplikaw għal azzjonijiet approvati mill-Kummissjoni skond dawk ir-Regolamenti in kwistjoni qabel l-1 ta' Jannar 2000.

(2) Regoli transitorji għandhom iħaffu t-transizzjoni minn skemi esistenti ta' appoġġ għall-iskema ġdida ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali biex jiġu evitati kull diffikultajiet jew dewmien fl-implimentazzjoni tal-appoġġ għall-iżvilupp rurali waqt il-perijodu ta' transizzjoni.

(3) L-appoġġ għall-iżvilupp rurali skond ir-Regolament (KE) Nru 1257/1999 għandu jkopri perijodu ta' programmar li jibda fl-1 ta' Jannar 2000. Biex tiġi żgurata l-integrazzjoni sħiħa tal-miżuri kollha li għad isiru fl-ipprogrammar il-ġdid il-Kummissjoni m'għandix tkompli tapprova miżuri jew emendi għall-miżuri skond l-iskemi esistenti li l-perijodu tagħhom huwa itwal mill-31 ta' Diċembru, sakemm ma tinħtieġx approvazzjoni mmedjata għal raġunijiet ta' mportanza kbira.

(4) Biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-appoġġ agro-ambjentali, l-Istati Membri għandhom ikunu awtoriżżati li jtawwlu r-rabtiet agro-ambjentali esistenti għaż-żmien meħtieġ biex jippermettu t-transizzjoni għall-iskema l-ġdida u biex jagħmlu kuntratti agro-ambjentali ġodda jekk tista' tiġi żgurata l-osservanza ta' rabtiet ta' din ix-xorta fil-qafas il-ġdid tal-appoġġ. Biex tiġi żgurata l-effettività tar-regoli l-ġodda tal-appoġġ agro-ambjentali, l-arranġamenti dettaljati transitorji għal rabtiet agro-ambjentali għandhom jiġu applikati mit-31 ta' Lulju 2000, il-jum ta' wara li ġew imħabbra lill-Istati Membri fil-kumitat ta' ġestjoni. L-Istati Membri għandhom jiġu awtoriżżati wkoll li jagħmlu rabtiet agro-ambjentali ġodda qabel l-1 ta' Jannar 2000 fuq applikazzjonijiet magħmula qabel it-30 ta' Lulju 1999 skond ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2078/92 [2] kif emendat l-aħħar bir Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2772/95 [3].

(5) Pagamenti ġejjin minn rabtiet magħmula qabel l-1 ta' Jannar 2000 dwar skemi ta' żvilupp rurali għandhom fil-futur jiġu finanzjati mit-Taqsima tal-Garanzija tal-FAEGG, għandhom ikomplu jiġu ffinanzjati mit-Taqsima ta' Tmexxija tal-FAEGG sal-31 ta' Diċembru 2001 skond il-kondizzjonijiet esistenti ta' appoġġ u skond il-fondi disponibbli. Iżda sal-31 ta' Diċembru 2001 nefqa multiannwali li ġejja minn rabtiet ta' din ix-xorta, kif ukoll sussidji kompensatorji konnessi l-aktar tard massena 1999, jistgħu skond xi kondizzjonijiet jiġu ffinanzjati mit-Taqsima ta' Garanzija tal-FAEGG jekk m'hemm fondi disponibbli jew jekk il-fondi disponibbli m'humiex biżżejjed. F'kwalunkwe każ, nefqa multiannwali wara il-31 ta' Diċembru 2001 għandha tiġi ffinanzjata mit-Taqsima ta' Garanzija tal-FAEGG.

(6) Għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-punt tal-bidu ta' eliġibilità ta' nfieq skond id-dokumenti l-ġodda tal-ipprogrammar tal-iżvilupp rurali.

(7) Biex jiġu solvuti problemi speċifiċi li ġejjin mill-bidla ta' pagamenti bażati fuq-irjus għal dawk ibbażati fuq ettari biex jingħataw sussidji kompensatorji, l-Istati Membri għandhom jiġu awtoriżżati biex ikomplu bil-pagamenti fuq il-bażi ta' rjus għal perijodu transitorju ta' sena.

(8) Id-dati li fihom jiġu applikati r-regoli ta' għajnuna mill-Istat stabbiliti fit-Titolu IV tar-Regolament Nru 1257/1999 għandhom jiġu definiti għal għajnuna ġdida skond it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat- 22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattati [4] tal KE.

(9) Il-miżuri preskritti f'dan ir-Regolament jaqblu mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Istrutturi Agrikoli u Żvilupp Rurali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Il-KAPITOLU I

Skop

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri dettaljati biex iħaffu t-transizzjoni mis-sistema li hemm fis-seħħ għal dik imwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

[1] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 80
[2] ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 91
[3] ĠU L 288, ta' l-1.12.1995, p. 35
[4] ĠU L 83, tas-27.3.1999, p. 1

Il-KAPITOLU II

Miżuri eżistenti

Artikolu 2

Il-Kummissjoni m'għandhiex tapprova fil-qafas ta' dan ir-Regolament revokat bl-Artikolu 55(1) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 ebda miżura jew ebda emenda għalih li ż-żmien tagħha jkompli wara l-31 ta' Diċembru 1999, kemm-il darba ma tinħtiġx approvazzjoni mmedjata għall-raġunijiet urġenti.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri jistgħu jtawwlu rabta agro-ambjentali magħmula skond ir-Regolament (KEE) Nru 2078/92 li jintemm qabel ma ġie approvat mill-Kummissjoni d-dokument għall-iżvilupp rurali b'mhux aktar minn sena, iżda f'ebda każ ma jista' jitwal għal wara l-31 ta' Diċembru 2000.

Iż-żmien imtawwal ma jitqiesx meta jiġi kkalkulat iż-żmien tar-rabtiet fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu rabtiet ġodda agro-ambjentali skond ir-Regolament (KE) Nru 2078/92 biss qabel l-1 ta' Jannar 2000 u bil-kondizzjoni li:

(a) saret applikazzjoni qabel it-30 ta' Lulju 1999 u t-tkomplija ta' appoġġ agro-ambjentali jitlob rabta mingħajr dewmien żejjed; jew

(b) dawn ir-ratbtiet huma rranġati, jekk hemm bżonn malajr kemm jista' jkun, għad-dokument ta' programmar ta' żvilupp rurali kif approvat mill-Kummissjoni. F'każi fejn isir dan l-aġġustament, iż-żmien ta' qabel l-aġġustament ma jitqiesx fil-kalkolu tad-dewmien tar-rabtiet fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

3. Meta l-Istati Membri japplikaw il-paragrafi 1 jew 2, huma għandhom jintegrawh fil-pjani ta' żvilupp rurali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw jekk ikunux applikaw il-paragrafu 1 jew 2 u għandhom jintegraw kull aġġustament skond il-paragrafu 2(b).

Artikolu 4

1. Fil-każ ta' appoġġ mogħti r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1696/71 [1], (KEE) Nru 404/93 [2] u (KEE) Nru 2200/96 [3], kif ukoll ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 4256/88 [4], (KEE) Nru 1610/89 [5], (KEE) Nru 867/90 [6], (KE) Nru 950/97 [7], (KE) Nru 951/97 [8] u (KE) Nru 952/97 [9], għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

2. Pagamenti li ġejjin minn rabtiet, inklużi sussidji kompensatorji konness, l-aktar tard, mas-sena 1999, magħmula mill-Istati Membri qabel l-1 ta' Jannar 2000 u li għalihom l-applikazzjoni għall-pagament waslet għand il-Kummissjoni qabel l-1 ta' Jannar 2002 ikompli jitħallas mit-Taqsima ta' Tmexxija tal FAEGG skond ill-kondizzjonijiet stabilititi fir-Regolamenti msemmija fil-paragrafu 1 u jiddipendu mill-disponibilità ta' fondi.

Meta għal azzjonijiet imsemmija fis-subparagrafu 1 m'hemmx fondi disponibbli jew il-fondi li huma disponibbli m'humiex biżżejjed, dan li ġej jista' jiġi ntegrat fl-ipproggrammar tal-iżvilupp rurali għall-perijodu 2000-2006 u ffinanzjat mit-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG, basta li jiġu stabbiliti ċar mill-Istat Membru nteressat kriterji li jidentifikaw l-ispiża li għandha tiġi ntegrata fl-ipproggrammar:

(a) pagamenti dwar sussidji kompensatorji konnessi, l-aktar tard, mas-sena 1999, jew

(b) pagamenti dwar infieq multiannwali f'oqsma li m'humiex imdaħħla fl-Oġġettiv 1 kif definit mill-1 ta' Jannar 2000.

3. Appoġġ tal-Komunità għal nefqa multiannwali għall-azzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 li għalih waslet applikazzjoni għand il-Kummissjoni wara l-31 ta' Diċembru 2000 jiġi ffinanzjat mit-taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG f'oqsma li m'humiex imdaħħla fl-Oġġettiv 1 kif definit mill 1 ta' Jannar 2000.

4. Fil-pjanijiet ta' żvilupp rurali, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw meta jkunu applikaw il-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2.

Artikolu 5

1. Għal dak li huma miżuri eżistenti l-Istati Membri għandhom ikomplu jirrapportaw in konformità mar-regoli applikabbli għal dawk il-miżuri.

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2000 rapport fuq l-azzjonijiet kollha mdaħħla fl-Artikolu 4. Dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat skond it-tabelli fl-annessi I u II.

Il-KAPITOLU III

Miżuri ġodda

Artikolu 6

In-nefqa tkun tista' tingħata appoġġ mit-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG biss jekk fil-fatt tħallset lill-benefiċjarju ndividwali tal-miżura ta' appoġġ għal żvilupp rurali wara l-31 ta' Diċembru 1999 u wara d-data li fiha l-pjan ta' żvilupp rurali jew kull emenda għal dak il-pjan rilevanti għall-miżura in kwistjoni ngħatat jew tgħarrfet lill-Kummissjoni. Id-data l-iktar tard tkun il-bidu ta' l-eliġibilità tan-nefqa.

[1] ĠU L 175, ta' l-4.8.1971, p. 1
[2] ĠU L 47, tal-25.2.1993, p. 1
[3] ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1
[4] ĠU L 374, tal-31.12.1988, p. 25
[5] ĠU L 165, tal-15.6.1989, p. 3
[6] ĠU L 91, tas-6.4.1990, p. 7
[7] ĠU L 142, tat-2.6.1997, p. 1
[8] ĠU L 142, tat-2.6.1997, p. 22
[9] ĠU L 142, tat-2.6.1997, p. 30

Iżda, nefqa konnessa ma' evalwazzjoni *ex-ante* tkun eliġibbli għal appoġġ skond l-Artikolu 40 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1750/1999 ([1]), jekk tħallset wara l-31 ta' Lulju 1999.

Artikolu 7

L-Istati Membri jistgħu jiddisponu fil-pjani ta' żvilupp rurali li jistgħu jibqgħu jingħataw sussidji kompensatorji fuq il-bażi tan-numru ta' bhejjem għall-pagamenti dovuti għas-sena 2000. F'dan il-każ l-akbar sussidju kompensatorju msemmi fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 japplika għal kull waħda mill-bhejjem.

Il-KAPITOLU IV

Għajnuna mill-Istat

Artikolu 8

Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 japplikaw għall-għajnuniet ġodda fit-tifsira tal-Artikolu 1(c) tar-Regolament (KE) Nru mill-1 ta' Jannar 2000.

Il-KAPITOLU V

Regoli ta' l-aħħar

Artikolu 9

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data meta jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 3 għandu japplika mit-30 ta' Lulju 1999.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f'Brussel, fid-9 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 214, tat-13.8.1999, p. 31

L-ANNESS I

Rapport tal-asistenza FAEGG kommess fil-livell ta' Stat Membru sal-31 ta' Diċembru 1999

Numru ta' riferenza ARINGO

Deċizjoni tal-Kummissjoni nru ..... tal- ..... (l-aktar reċenti)

(rapport separat irid ikun presentat għal kull oġġettiv)

Munita .....

Miżuri konċernati	Numru ta' benefiċjarji (1)	Spiża puibblika totali approvata (1)	Assistenza FAEGG pendenti (2)
Ir-Regolament KE Nru 950/97: — Artikoli 4 sa 9 — Artikoli 10 sa 11 — Artikoli 13 sa 16 — Artikoli 17 sa 19 — Artikolu 20 — Artikoli 26 sa 28			
Id-Direttiva tal-Kunsill (KEE) Nru 72/159 (3)			
Id-Direttiva tal-Kunsill (KEE) Nru 72/160 (4)			
Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 (5)			
Ir-Regolament KE 952/97			
Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 389/82 (6)			
(KEE) Nru 1696/71 Ir-Regolament			
Programm Totali			

(1) L-informazzjoni mogħtija tikkonċerna biss każi fejn kien hemm impenn, jew ammont dovut rigward perijodu li għalaq qabel l-1 ta' Jannar 2000, Iżda l-ammont ma thallasx lill-benefiċjarju qabel l-1 ta' Jannar 2000.
(2) Hemm rabta Iżda ma thallasx sal 31 ta' Diċembru 1999.
(3) ĠU L 90 tat-23.4.1972 p.1.
(4) ĠU L 96 tat-23.4.1972 p.9.
(5) ĠU L 118 ta' l-20.5.1972 p.1.
(6) ĠU L 51 tat-23.2.1982 p.11.

Inkarigat mill-inkartament .....

Nru tat-telefon ..... Fax .....

Data, timbru, kariga u firma tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

L-ANNESS II

Rapport tal-asistenza FAEGG kommess fil-livell ta' Stat Membru sal-31 ta' Diċembru 1999

Numru ta' riferenza ARINGO

Deċizjoni tal-Kummissjoni nru ..... tal- ..... (l-aktar reċenti)

(rapport separat irid ikun presentat għal kull oġġettiv)

Munita .....

Miżuri konċernati	Nru ta Investiment (1)	Reġjun	Spiża totali eliġġibbli approvata	Assistenza FAEGG	
				imhallsa sal 31.12.99	pendenti (2)
Ir-Regolament (KE) Nru 951/97					
Ir-Regolament (KE) Nru 867/90					
Programm Totali					

(1) Numru tal-investiment tal-Istat Membru.
(2) Kommess iżda mhux imhallas sal-31 ta' Diċembru 1999

Inkarigat mill-inkartament .....

Nru tat-telefon ..... Fax .....

Data, timbru, kariga u firma tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.